**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Nicholas Vella]**

**vs**

**Carmela Cini**

**Kumpilazzjoni Numru: 260/17**

**Illum, 6 ta' Mejju 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Carmela Cini detentrici tal-karta tal-identita` numru 139071M akkuzata talli:

Fit-12 ta' Gunju 2017 ghall-habta tas-0400hrs gewwa San Pawl il-Bahar, Malta, ikkomettiet serq tas-somma ta' madwar tlett mitt

ewro (300ewro) ghad-detriment ta' Colin Sant u/jew persuni ohra u/jew entita/kumpanija ohra, liema serq huwa kwalifikat bil-valur ta anqas minn 2329.37 euro, ksur u hin. Art.261, 264, 267 u 270 ta kap9

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg, mobbli jew immobbli ghad-detriment ta Colin Sant u/jew persuni ohra u/jew entita/kumpanija ohra, liema hsara ma tiskorriex l-ammont ta elfejn u hames mitt ewro (2500ewro). Art.325 Kap. 9

Fl-istess data, hin lok u cirkostanzi saqet vettura bin-numru tar-registrazzjoni SIX655 ta l-ghamla Renault Megane minghajr ma kienet koperta b'polza ta' sigurta` dwar ir-riskji ghat-terzi persuni. Art.3(1) ta' Kap. 104

Fl-istess data, hin lok u cirkostanzi saqet vettura bin-numru tar-registrazzjoni SIX655 ta l-ghamla Renault Megane fi triq, minghajr licenzja mahruga mill-Awtorita ta' Trasport ta' Malta.
Art 13(1) tal-A.L.198/09

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saret **recidiva** ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghawx jigu mibdula.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamlet delitt f'perjodu operativ ta sentenza sospiza mghotija nhar it-8 ta April 2014 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata erbatax (14) ta' Gunju elfejn u sbatax (2017) fejn ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat l-ezami tal-imputata fejn hija wiegbet mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha;

Rat il-fedina tal-imputata li hija wahda refrattarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u l-istqarrija tal-imputata;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat serq u sgass ta' magni li jinsabu f'*petrol station* gewwa San Pawl il-Bahar.

Illi fl-istqarrija taghha l-imputata **Carmela Cini** ma wiegbet ghall-ebda domanda tal-Ispettur Nicholas Vella – Dok. NV2 a fol. 9 tal-process.

Fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2017 kien xehed **Colin Sant** fejn spjega li huwa kien ghamel rapport l-Ghassa tal-Qawra gimghatejn ilu precizament nhar ta' Tnejn. Spjega li huwa s-sid ta' *Nick's petrol station* u *Dad's Petrol station and Carwash* li jinsabu San Pawl il-Bahar. Huwa qal li kmieni filghodu sab xi magni sgassati, flus misruqin u lokijiet imkissrin. Ta' dawn il-hsarat huwa pprezenta stima (Dok. CS1). Minn din l-istess stima jidher li l-hsarat ammontaw ghas-somma ta' €1,153. Qal ukoll li kien ghadda *recording* lill-Pulizija fejn mill-istess *recording* seta' jara karozza tipparkja gol-*car wash* fejn minnha nizzlet persuna u ghattiet wiccha u bdiet tisgassa l-magni. Qal li kien hemm persuna ohra fil-karozza. Fuq domanda tal-Qorti x-xhud qal li persuna minnhom kienet mara u l-persuna l-ohra x'aktarx kien ragel.

Illi fuq talba tad-difiza l-Ispettur Nicholas Vella esebixxa fedina penali aggornata tal-imputata li giet immarkata bhala Dok. NVX (a fol. 31 tal-process).

Illi fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2019 il-Prosekuzzjoni rtirat l-akkuza tar-recidiva.

Fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2019 id-difiza ddikjarat li m'ghandhiex provi u talbet li l-kawza tithalla ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-atti processwali l-Qorti tinnota li ma hemm assolutament l-ebda prova li tista' twassal sabiex l-imputata tinstab hatja tal-akkuzi dedotti kontriha. In effetti l-Ufficjal Prosekutur ma ressaq l-ebda prova hlief ghax-xhieda ta' Colin Sant li huwa s-sid tal-*petrol station* fejn instabu xi magni sgassati. Minkejja li dan ix-xhud esebixxa filmat, ix-xhud fl-ebda hin ma gharaf lill-imputata fl-awla. Anzi huwa stess jghid li l-persuna li harget mill-vettura ghattiet wiccha. Apparti minhekk

ix-xhud fl-ebda hin ma jghid li nsterqu xi flejjes. Colin Sant fil-fatt jitkellem biss fuq hsarat li gew ikkawzati.

Apparti x-xhieda ta' Colin Sant il-process huwa nieqes kompletament minn provi ohra u l-unika prova li ngabet lanqas biss tipponta versu l-imputata. Fid-dawl ta' dan ma hemmx dubju li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputata Carmela Cini hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u tilliberaha minnhom.

__________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**